MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 1024/2013

**Maria Dolores Francica [I.D. 534664M] u Vladlen Korolev bhala kuraturi *ad litem* ta' binthom minuri Alexia Korolov maghrufa bhala Alexia Koroleva li twieldet fl-24 ta' Mejju 2000.**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Maria Dolores Francica [I.D. 534664 M] u Vladlen Korolev *nomine* datat 24 ta' Ottubru 2013 fejn esponiet: -

Illi l-esponenti huma l-genituri tal-minuri binthom Alexia Korolev maghrufa bhala Alexia Koroleva li twieldet fl-24 ta' Mejju, 2000 (*vide* Dok. A).

Illi l-esponenti ser tizzewweg lil Vladlen Korolev ta' nazzjonalita' Russa u li huwa l-missier naturali tal-istess minuri.

Illi fic-certifikat tat-twelid tal-minuri mahrug mir-Registru Pubbliku bin-numru wiehed disgha hamsa tnejn tas-sena elfejn [1952/2000] (Dok. A), il-kunjom tal-minuri gie ndikat erronjament bhala "Korolev".

Illi missier il-minuri msemmija, u cioe' Vladen Korolev huwa cittadin Russu u kien ghalhekk illi l-minuri hadet dan il-kunjom.

Illi pero', fis-sistema Russa, kull wild femminili zzid l-ittra "a" mal-kunjom ta' missierha u f'dan il-kaz ghalhekk il-kunjom tal-minuri kellu jkun Koroleva. Illi fil-fatt omm Vladen Korolev, li hija n-nanna paterna tal-minuri Alexia, iggib il-kunjom Koroleva kif jirrizulta mill-kopja tal-passaport taghha, annessa u mmarkata bhala Dok. B.

Illi ghalhekk jehtieg li kunjom il-minuri Alexia jsir Koroleva u dan biex jindika li hija persuna femminili.

Illi fil-fatt it-tifla kienet dejjem maghrufa bhala Alexia Koroleva, sija lokalment u aktar mal-komunita` Russa.

Illi r-rikorrenti, ghan-nom ta' binthom minuri ghandhom interess skont il-ligi, *inter alia ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16, li ssir id-debita korrezzjoni.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti ghan-nom ta' binthom minuri, Alexia Korolev, umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Alexia, Dok. A, mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bin-numru wiehed disgha hamsa tnejn tas-sena elfejn [1952/2000], fis-sens li wara l-isem Alexia fil-kolonna intestata "Isem il-Wild", jitnizzel il-kunjom Koroleva; u

2. Tati kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi partikolarissimi tal-kaz.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2013.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 25 ta' Novembru 2013 (fol 14) fejn espona:-

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi.

3. Illi minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti, tenut kont tal-fatt meta twieldet il-minuri Alexia fis-sena 2000, fuq l-att tat-twelid ma kienx jigi indikat il-kunjom li l-minuri kienet ser tassumi u ghalhekk peress li ma hemm ebda kunjom fir-rigward tal-minuri fuq l-att tat-twelid numru 1952/2000 (Dok. DRP 1) ma hemm xejn x'jigi korregut fuq l-imsemmi att tat-twelid u apparti minn hekk kienu r-rikorrenti stess li ghamlu d-dikjarazzjoni fl-att tat-twelid u anke ffirmaw li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet wahda korretta.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta' Dicembru 2013 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Frank Cassar ghar-rikorrenti prezenti u Dr. Maurizio Cardona ghall-intimat. Dr Frank Cassar iddikjara li m' ghandux aktar provi. Il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-30 ta' Jannar 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253(2) *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-attur, numru 1952/2000 *stante* li l-atturi qed jallegaw li fil-fatt il-kunjom tal-minuri ghandu jitnizzel bhala "Koroleva" minflok "Korolev." Huma jsostnu din it-talba abbazi tal-uzanza Russa, li hija n-nazzjonalita' tar-rikorrent Vladlen Korolev, missier it-tarbija, kull wild femminili zzid l-ittra "a" mal-kunjom ta' missierha.

L-istess rikorrenti jghidu wkoll li l-minuri, bhala stat ta' fatt, kienet dejjem maghrufa kemm lokalment kif ukoll mal-komunita' Russa bil-kunjom "Koroleva."

Illi l-allegazzjonijiet attrici fil-fatt lanqas huma kontestati, u jidher palezament li t-talbiet attrici ghandhom gustifikazzjoni in kwantu li l-kunjom tal-missier li huwa ta' nazzjonalita` Russa jizdied, fil-kaz ta' wild femminili, bl-ittra "a" warajh biex, fil-kaz odjern, il-kunjom korrett huwa "Koroleva". Dan kollu gie kkonfermat wkoll bil-gurament tar-rikorrenti omm  Maria Dolores Francica fuq ir-Rikors promotur.

Ikkonsidrat li skont is-sub-artikolu 253(2), "*Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni ta' l-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema jkunu*

*ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv bħala l-isem jew l-ismijiet mogħtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa."*

Illi ghalhekk it-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dan u ma għandux ibati spejjeż.

Għaldaqstant, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' it-talbiet kollha attriċi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **tilqa'** it-talbiet attrici b' dan illi:

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici** u tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Alexia (Dok. A), mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bin-numru wiehed disgha hamsa tnejn tas-sena elfejn [1952/2000], fis-sens li fejn jidher il-kunjom li ghandu jinghata lill-minuri Alexia jitnizzel il-kunjom "Koroleva" bhala kunjom il-minuri; u

2. **Tilqa' it-tieni talba** u tordna wkoll li *ai termini* ta' l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghanda ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

L-ispejjez jithallsu mill-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------